## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU SITTA U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar, 2005 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skużati: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Triq San Ġużepp.
(4) Triq San Mikiel.
(5) Elezzjoni Kunsill Lokali.
(6) Website tal-Kunsill.
(7) Proġetti Business Plan Rijabilitazzjoni.
(8) Rapport dwar pagamenti pendenti.
(9) Laqgħa Pubblika Annwali.
(10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

### 46 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Billi l-minuti tal-laqgha numru 44 u tal-laqgha numru 45 ġew mibgħuta minn qabel lill-Kunsillieri dawn ġew meħuda bħala moqrija.

46(1).1 Billi ma' kienx hemm korrezzjonijiet proposti, il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ippropona biex dawn il-minuti tal-Laqgħat numru 44 u 45 jiġu approvati kip ippreżentati.

46(1).2 Dawn il-minuti ġew approvati nem. con.

46(1).3 Matters Arising

*Żvilupp Dock No. 1* Il-Kunsill għadu ma' rċevhiex tweġiba għall-oġġezzjonijiet li ressaq lid-diriġenti tal-proġett. 04/0043/05/I.

*Sportiv tas-Sena* Il-Kunsill għadu ma' rċevhiex is-cv mid-diversi nies proposti mill-Kunsill.

*Tagħlim ta' Żfin fis-Sala tal-Kunsill* Il-Kunsill ġie nfurmat li dawn il-lezzjonijiet se jibqu sejrin bejn Jannar u Settembru.

## 46 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku ta rendikont tal-ħidma li saret mill-Kunsill mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

46 (2).1 Dawl - Niċċa ta' Sant'Anna (11/01/05)

Is-Sindku għamel kuntatt ma' Dr. Ray Bondin, Koordinatur tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottoenra dwar meta ser jibda' x-xogħol fuq it-tibdil tad-dawl fil-M<ina fejn hemm in-Niċċa ta' Sant'Anna u dwar ħlas pendenti dovut lill-Kunsill fuq xogħol li twettaq mill-Kunsill fi Pjazza Juan B. Azopardo.

Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-tender biex isir dan ix-xogħol mexa' sewwa u li dan ix-xogħol ser isir fi żmien qasir u qed isiru l-arranġamenti biex il-flus dovuti jitħallsu lill-Kunsill(Kopja mehmuża 04/0066/05/I).

46 (2).2 Triq Iż-Żewġ Mini (11/01/05)

Saru kuntatti ma' l-Inġ Galea St. John (Water Services Corp.) dwar xogħol ta' tibdil ta' mains ta' l-ilma fi Triq Iż-Żewġ Mini qabel il-Klunsill ikun jista' jwettaq xogħol ta' resurfacing f'din it-triq.

46 (2).3 Trees for You (14/01/05)

Is-Sindku Joseph Casha flimkien ma' l-istudent Malcolm Borg mill-iskola Primarja attenda għal din il-kampanja ta' żriegħ ta' siġar f'Ta' Qali, imnedija mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

46 (2).4 Karnival fl-Isla (15/01/05)

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa mas-Sur Anton Theuma dwar il-possibilta' li tingħata spinta' biex jerġa' jitqajjem l-interess tal-Karnival fl-Isla kif kien isir fil-passat sa ftit snin ilu.

Minn din il-laqgħa sar magħruf li belt ġewwa Franza li huwa nteressat li jieħu sehem f'dan il-proġett ma' l-Isla. GĦandhom isiru aktar diskussjonijiet fil-jiem li ġejjin.

46 (2).5 Kumitat Konġunt tal-Kottonera (20/01/05)

Dan il-Kumitat ħejja attivita' soċjali fis-Social Club fl-Isla bħala tifkira ta' l-egħluq ta' l-ewwel sena ta' ħidma tiegħu. Is-Sindku Joseph Casha għamel diskors ta' l-okkażjoni bħala Sindku tal-lokal f'isem il-Partit Laburista.

Għal din l-okkażjoni kienu mistiedna l-Kunsillieri ta' l-erba' lokalitajiet fil-Kottonera kif ukoll is-soċjetajiet fl-Isla.

46 (2).5.1 Ħarġa għall-Iskejjel Primarji ta' l-erba' lokalitajiet

Għall-okkażjoni ta' l-ewwel sena mit-twaqqif tal-Kumitat Konġunt tal-Kottonera l-erba' Kunsilli, nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar, 2005 organiżżaw ħarġa kulturali għall-iskejjel Primarji ta' dawn l-erba' lokalitajiet.

F'din il-ħarġa kulturali 15 il-student/a minn kull skola ġew mdawwra mal-postijiet storici fil-Birgu bħal ma' huma l-Mużew Marittimu, l-Mużew tal-Knisja u x-Xelters ta' żmien il-Gwerra.

46 (2).6 Proġett Mini Pitches (21/01/05)

Is-Sindku Joseph Casha flimkien ma' l-President Frans Mizzi president tas-Senglea Athletics F.C. attendew għal laqgħa fis-Centenary Stadium ġewwa Ta' Qali dwar il-proġett ta' stallazzjoni ta' mini pitch fil-ground tal-Ponta ta' l-Isla.

Sabiex il-proċess ta' applikazzjoni isir aktar malajr sar qbil li jsir ftehim li l-ground ikun amministrat minn Senglea Athletics F. C., kif ukoll inkiseb aktar tagħrif ta' xi jrid isir biex din it-talba ssir rejalta' (Kopja tad-dokumenti mehmuża).

46 (2).7 Xogħol Mehtieġ (Mini Football Pitch - 02/01/05)

Saret laqgħa mal-Perit Mintoff fejn sar qbil biex jibda l-proċess ta' applikazzjoni mal-MEPA Biex jiġi mistħarreġ jekk hux possibbli li t-taraġ eżistenti f'dan il-post jonqos b'metru. Jekk dan jista' jsir allura l-pitch tkun tista' ssir type 2 (17x30mtrs).

46 (2).8 Proġett EU - Hamm, Ġermanja (21/01/05)

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-leaders lokali imsieħba f'dan il-proġett, Arthur Perici mis-Senglea Athletic F. C. Youth Nursery, Pierre Bonello għal Bronk Productions u Roberta Scerri f'isem Centru Żgħażagħ Sengleani.

46 (2).8.1 Ġie mfisser lilhom dak li ġie diskuss fl-isteering committee li sar f'Hamm dwar dan il-proġett.

46 (2).8.2 Ġie diskuss kif għandha ssir il-ħidma fil-futur ma' l-imsieħba f'dan il-proġett bħala preparazzjoni għall-isteering committee li ser isir f'Hamm f'Marzu li

ġej u għal workshop (1) mill-pajjiżi parteċipanti li hemm ppjanat li jsir bejn is-17 u t-22 ta' April, 2005 (04/0040/05/I).

46 (2).8.3 Steering Committee - Hamm, Ġermanja (8 sa l-10 ta' Diċembru, 2005)

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' Roberta Scerri bħala leaders f'dan l-isteering committee Attendew għal din il-laqgħa ta' preparazzjoni. Tħejja rapport mis-Segretarju Eżekuttiv dwar din il-laqgħa ta' preparazzjoni (Kopja mehmuża).

46 (2).9 Seminar Interreg III (07/01/05)

Il-Kunsill ġie mistieden biex jieħu sehem f'seminar "L-Unjoni Ewropeja u l-Kunsilli Lokali, L-Inizjattiva Komunitarja Intereg III" imtella' mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan sar fi Project House, Floriana.

Attendew għal dan is-seminar is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit (04/0047/05/I).

46 (2).10 Tender Knis tat-Toroq

Il-Kunsill informa uffiċjalment lis-Sur Joe Cassar li huwa kien ġie mogħti dan il-kuntratt (04/0130/05/O).

Kull min tefa' l-offerta għal dan il-kuntratt ġie nfurmat bir-riżultat ta' kif saret l-għażla u minn kien ġie magħżul (Kopji mehmuża).

46 (2).11 Ftehim Kollettiv tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ppreżenta ittra mibgħuta lilu mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fejn dan ta' l-aħħar kien qed jinforma lill-Kunsill kif se jsir il-ħlas ta' Qualification Allowance dovuta lilu bħala parti mill-ftehim kollettiv li ġie ffirmat u approvat bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Assocjazzjoni Segretarju Kunsilli Lokali Malta f'Settembru, 2004 (Kopja ta' l-ittra mehmuża).

## 46 (2).12 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn is-27 ta' Diċembru, 2004 u l-21 ta' Jannar, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0055/05/I Konferenza - Culture Tracks*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-M. C. Escher Foundation qed turi l-ħsieb biex l-esebizzjoni li tellgħet fil-Konferenza f'Abruzzo tiġi mtellgħa fl-Isla fiż-żmien li ġej.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li jinkoraġġixxi din il-proposta (04/0103/05O).

*04/0064/05/I* *National Statistics Office - Open Day*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għal din l-open day *fis-27 ta' Jannar, 2005.*

*04/0065/05/I* *Korsijiet ta' Artiġjanat*

Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Sinjura Tania Busuttil biex tagħmel lezzjonijiet tal-Ganutell, Lewlu u Monasteru fis-Sala tal-Kunsill.

*04/0072/05/I* *Ħlas Dovut lid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet*

Id-direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni għarraf lill-Kunsill li qed jaqbel li l-ammont dovut mill-Kunsill huwa dak ta' Lm 3, 378.49 kif kien propost fil-laqgħa tat-18 ta' Frar, 2004. Aktar tard id-dipartiment ser joħroġ credit note biex tagħmel tajjeb għad-differenza.

Għalkemm il-Kunsill qed jaqbel ma' dan il-ftehim ippropona li dan l-ammont jitħallas Lm 150 fix-xahar u mhux Lm 500 fix-xahar kif propost mid-Dipartiment.

*04/0075/05/I* *Servizz Bankarju - BOV, Isla*

Il-Kunsill għamel talba liċ-Chairman tal-BOV biex isiru diskussjonijiet bejniethom biex tinstab xi forma ta' ftehim ħalli jerġa jibda jingħata servizz bankarju fl-Isla.

*04/0076/05/I* *Seminar - "Opportunitajiet għall-Kunsilli Lokali"*
*04/0135/05/I*

Il-Kunsill qabel li jattendi permezz tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dan is-seminar ser isir fit-23 ta' Frar, 2005 fis-Sala Santa Tereża B'Kara.

*04/0084/05/I* *Microsoft Student Package*

Il-Kunsill ser joffri dan is-servizz.

*04/0086/05/I* *Pjazza Andrea Debono*

Il-MEPA qed titlob aktar tagħrif mill-perit tal-Kunsill dwar dan il-proġett.

*04/0088/05/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill ma' jistgħax jilqa' talba biex familja mill-Isla tuża s-Sala għall-okkażjoni tal-preċett nhar is-7 ta' Mejju, 2005 minħabba li f'din il-ġurnata s-Sala tal-Kunsill tkun impenjata fl-attivitajiet ta' Jum l-Isla.

*04/0114/05/I* *Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera - Minuti (14/01/05)*

Kopji tal-Minuti mehmuża.

*04/0117/05/I* *Emendi dwar l-Att dwar il-Kunsilli Lokali*

Dawn l-emendi qed jidhru fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 17 707 (14/01/05) jew jistgħu jitniżżlu Bl-internet mis-sit www.gov.mt - Acts, Bills,Legal Notices - Bills presented at Parliament.

*04/0122/05/I* *Memo 1/2005 - Tiġdid tal-Liċenzji tat-Televiżjoni*

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Ministeru tal-Kommunikazzjoni u Kompettitivita' laħqu ftehim biex in-Notice Boards tal-Kunsill ikunu jistgħu jintużaw għall-avviżi li joħorġu minn dan il-Ministeru rigward is-suġġett imsemmi.

*04/0127/05/I* *Rapport tal-Knis fit-toroq*

Il-Kunsill irċieva dan ir-rapport (Kopja mehmuża).

*04/0138/05/I* *Inċentivi dwar ħlas ta' Kontijiet tat-Telefon - AKL Cirkulari 8/2005*

L-Assoċjazzjoni infurmat bil-proċeduri li l-Maltacom għamlet dwar inċentivi għaċ-ċittadini li jħallsu l-kontijiet tagħhom fil-Kunsilli Lokali (Kopja mehmuża).

*04/0141/05/I* *Talba għall-użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tal-familja biex tuża s-Sala tal-Kunsill għall-okkażjoni ta' magħmudija nhar is-27 ta' Marzu, 2005 bejn in-12.30pm u s-6.30pm.

*04/0142/05/I* *Laqgħa ma' l-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta*

Il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera kellhu laqgħa ma' l-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar, 2005 fil-11.00am. Is-Sindku Joseph Casha attenda bħala membru fuq dan il-Kumitat.

*04/0144/05/I* *Żjarat Kulturali*

Il-Kunsill ġie nfurmat biż-żjarat kulturali li ser jibdew jinżammu mill-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kultura.

*04/0152/05/I* *Devoluzzjoni mħażen biswiet il-Maċina*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment ta' l-Artijiet qed isibha diffiċli biex jokkupa dawn l-imħażen minħabba li m'għadhux iċ-ċwievet. Għaldaqstant ser joħroġ ordni ta' żgumbrament biex dawn l-imħażen jitbattlu.

Il-Kunsill minnufih wieġeb biex dan ifittex isir ħalli t-talba tiegħu ta' devoluzzjoni ta' madwar tlett snin ilu sseħħ.

*04/0156/05/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill (21/02/05)*

Il-Kunsill approva din it-talba biex is-Sala tintuża minn familja mill-Isla għall-okkazjoni ta' Birthday Party.

*04/0163/05/I* *Computer Courses*

Wara li s-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Robert Mifsud, il-Kumpanija Malta Institute for Computer Scieces bgħatet tagħrif u skeda ta' korsijiet li din il-kumpanija tagħmel fiċ-Ċentru tagħha u li toffri t-trasport b'xejn.

*04/0165/05/I* *Talba mill-Kumpanija BT Productions*

Il-Kunsill laqa' t-talba ta' din il-kumpanija mill-Isla biex ikunu jistgħu jużaw is-sala u parti mill-parking space li hemm biswiet Triq il-Ħabs l-Antik (Kopja tat-Talba mehmuża).

*04/ /05/I* *Ħlasijiet dovut lill-Kunsill mill-Proġett Med Urbs*

Il-Kunsill qabel mal-proposta li għamel is-Sindku tal-Birgu dwar kif għandhu jibqa' jitħallas il-kumplament tas-somma dovuta ta' Lm 2500.

Il-Kunsill bagħat ittra lill-Kunsill Lokali ta' Bormla biex jikkonferma l-qbil tiegħu mal-proposta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

*04/ /05/I* *Ktieb - Ulied Maltin*

Il-Kunsill approva x-xiri ta' dawn il-kotba għal-Librerija tal-Lokali (ammont ta' Lm 30).

*04/ /05/I* *Radju Kottoner (98FM)*

Il-Kunsill approva proposta mressqa minn dan ir-Radju biex il-Kunsill jixtri air time fuq dan l-Istazzjon biex iwasslu tagħrif u materjal ieħor liċ-ċittadini ta' l-Isla (Kopja tal-pakket offrut mehmuża). Il-ħlas huwa ta' Lm 15 fix-xahar.

Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva dan il-ftehim.

## 46 (3) Triq San Ġużepp

46 (3).1 Xogħol fi Triq San Ġużepp (10/01/05)

Is-Sindku Joseph Casha kellhu kuntatt mas-Sur Charlie Briffa tal-Works Division dwar xogħol propost mill-Kunsill.

Wara li l-Kunsill kien approva b'urġenza dan ix-xogħol fuq l-istess insistenza biex dan isir mid-dipartiment (Kopja mehmuża), il-Kunsill ġie nfurmat li dan ix-xogħol ma' jkistgħax jibda qabel l-aħħar ta' Marzu, 2005 (04/0120/05/I, kopja mehmuża).

Il-Kunsill ma' jistgħax jifhem kif id-dipartiment kien wiegħed li x-xogħol jibda hekk kif tiġi ffirmata l-ordni. Hekk kif sar dan id-dipartiment bidel fehmtu.

Is-Sindku Joseph Casha informa lid-Dipatiment li huwa vitali għal dan il-Kunsill li dan ix-xogħol isir malajr minabba l-istat ta' dan it-triq u minħabba li l-Kunsill huwa marbut li jagħmel dan ix-xogħol taħt il-ftehim li l-Kunsill għandhu ma' l-Awtorita dwar it-Trasport.

## 46 (4) Triq San Mikiel

Il-Kunsill qed jirċievi lmenti li minħabba parking fuq side wiħed f'din it-triq qed ikun diffiċli għal trakkijiet li jgħaddu bil-konsegwenza li qed jitilgħu fuq il-bankini.

46 (4).1 Dan qed iwassal biex isiru ħsarat kbar fuq il-bankini li għadhom kif saru dan l-aħħar.

46 (4).2 Sar suġġeriment biex il-Kunsill jagħmel tabelli biex ma' jsirx parking f'dan il-ħinijiet : mit-8.00am sas-7.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

## 46 (5) Elezzjoni Kunsilli Lokali Marzu, 2005

Dan il-Kunsill ser ikollu l-elezzjonijiet għal Kunsill ġdid fit-12 ta' Marzu, 2005.

46 (5).1 Wara diversi diskussjonijiet il-Kunsill qabel u approva li tinħareġ gażżetta tal-Kunsill biex issir magħrufa l-ħidma li l-Kunsill wettaq f'dawn l-aħħar tlett snin.

46 (5).2 Il-Kunsill approva l-ammont ta' madwar Lm 350 għall-ħruġ ta' din il-gażżetta.

## 46 (6) Website tal-Kunsill

Kif kien propost fil-laqgħat ta' qabel dan il-Kunsill kien qabel li jkollu l-website tiegħu lesta fi żmien qasir.

46 (6).1 Wara diskussjoni mill-Kunsill dwar proposta mibgħuta minn Cyber Web Creations, fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva biex din issir fuq l-aħħar proposta ta' din il-kumpanija (Kopja mehmuża).

46 (6).2 Fażi 1

- Ser ikollu verżjoni bil-Malti u partijiet bl-Ingliż
- Materjal fuq il-website ser ikun kollu preparat mill-Kunsill
- Il-Maintenance tal-website għall-ewwel sena ser tkun mingħajr ħlas.
- L-ispiża total ser tlaħħaq Lm 350.

46 (6).3 Fażi 2

Din il-website ikollha l-verżjonijiet sħaħ bil-Malti u bl-Ingliż Lm 100.

## 46 (7) Proġetti Business Plan Rijabilitazzjoni

Il-Kunsill qabel li jipproponi dawn ix-xogħlijiet biex jiġu nklużi fil-Business Plan tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

46 (7).1 Dawn huma mressqa f'din il-prijorita'

(i) Daħla ta' l-Isla
(ii) Upgrading ta' l-Arzella fi Triq l-Arkati
(iii) jew upgrading ta' quddiem Ġnien il-Gardjola

## 46 (8) Rapport dwar pagamenti pendenti

Dan ser jitressaq fil-laqgħa li jmiss wara li s-Segretarju Eżekuttiv ikun irċieva l-bank statements ta' kull xahar biex tkun tista' ssir Bank Reconciliation.

## 46 (9) Laqgħa Pubblika Annwali

Ġie propost li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2005 fil-5.30pm.

## 46 (10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 2, 946.59ċ.

Il-Kunsill aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għall-għad l-Ġimgħa 7 ta' Jannar, 2005 fis-7.00pm biex jiltaqa' mas-Sur Joe Cassar li tefa l-aħjar offerta għall-kuntratt ta' Street Cleaning Services (Ref. 45(3)4).

Il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.33pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |